MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Numru. 307/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann J. Fenech**
**vs**
**Lawrence Spiteri**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Lawrence Spiteri, ta’ 23 sena, imwieled fil-5 ta’ Jannar, 1981, bin Charles u Pauline nee Hili, imwieled Pieta u joqghod Blk 2, Flat 1, Merchant’s Street, Valletta, ID Card No. 44281(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer fis-27 ta’ Awwissu 2004 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet u postijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa, ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera xi haga ohra sabiex

igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila jew ta' setgha fuq haddiehor, jew ta' kreditu immaginarju, jew billi qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' flus li jeccedi l-elf lira Maltin ghad-dannu ta' Rosianne Ellul minn Hal Ghaxaq;

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar fi profit ghalih jew ghal xi persuna ohra minn haga ta' haddiehor, jigifieri BOV credit card, li giet fdata jew ikkunsenjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikament;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' April, 2005 (esebit *a folio* 16 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta Sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:
Illi dawn il-proceduri gew inizjati mill-Pulizija wara li fis-27 ta' Awwissu 2004 huma rcevew rapport[1] minghand il-parti civili Roseanne Ellul minn Hal-Ghaxaq fejn din qalet li kienet selfet is-somma ta' Lm890 lill-imputat li kien id-driver tal-vann li kien iwassalha x-xoghol u li huwa kien hallasha lura biss is-somma ta' Lm407 minn dan l-ammont. Hija rrapurtat ukoll li ghall-habta ta' Gunju 2004 l-imputat kien talabha sselfu l-Bank of Valletta Cashlink card taghha ghaliex kellu bzonn jigbed xi flus minnha ghall-affarijiet tieghu u meta hija qaltlu li ma riditx taghtih il-card huwa qabdilha l-handbag, sab il-card fil-wallet u

[1] Rapport relattiv inserit a fol. 31 sa 33 tal-atti processwali.

hadha, Ellul qalet lil Pulizija li l-imputat sar jaf il-PIN number taghha ghaliex dan kien miktub fuq wara tal-card. Din Ellul irrapurtat ukoll li ommha kienet fethet l-istatement li rceviet minghand il-Bank of Vallettta u meta rat li ngibdu hafna flus mill-kont ta’ bintha u staqsitha x’kien gara din spjegatilha li l-imputat kien hadilha l-card mill-handbag. Mill-provi rrizulta li wara li dahal dan ir-rapport l-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur, l-Ispettur Johan Fenech, kellem kemm lil Roseanne Ellul kif ukoll lill-imputat. Fl-istqarrija[2] li din Ellul irrilaxxjat lil Pulizija fis-26 ta’ Ottubru 2004 hija ammettiet li kienet tat il-Cashlink card lill-imputat minn rajha u qalet ukoll li l-imputat kien jaf il-PIN number ghaliex kienet tatulu hi stess. Hija qalet li bejn April u Gunju 2004 kienet tat lill-imputat xi flus f’kontanti u fil-5 ta’ Gunju 2004 kienet tatu l-Cashlink card sabiex jigbed Lm100 u huwa qalilha li kellu jaghtiha l-card lura l-ghada izda dan m’ghamlux u meta kienet titolbu lura l-card kien jghidilha li din kienet ghand ommu u ma riditx taghtihilu. F’din l-istqarrija hija spjegat ukoll li saret taf lill-imputat meta kienet ghaddejja minn perijodu difficli ghaliex kienet itterminat ir-relazzjoni mal-gharus taghha u l-imputat kien joqghod jismaha u kien ukoll ikellimha dwar il-problemi tieghu. Hija tghid li huwa kien jitlobha l-flus u hija kienet tatihomlu u spjegat lli b’kollox inkluz l-ammont li l-imputat gibed permezz tal-card huwa kellu jaghtiha s-somma ta’ Lm1,500. Ellul qalet li huwa kien hallasha xi haga lura u kien obbliga ruhu li l-jhallas il-bilanc dovut f’pagamenti rateali izda huwa baqa’ ma hallas xejn. Meta giet mistoqsija kif kienet accettat li tati l-card u l-PIN number relattiv lil persuna li bilkemm kienet tafha hija spjegat li meta hi u l-imputat kienu jitkellmu dwar il-problemi rispettivi taghhom hija kienet ratu helu u kellu ilsienu taz-zokkor ghaliex kien jaf x’ghandu jghid u kien ghalhekk li tatu l-flus.

Meta Roseanne Ellul xehdet f’dawn il-proceduri kemm in ezami[3] kif ukoll in kontro-ezami [4] hija bidlet il-verzjoni minnha moghtija kemm meta ghamlet ir-rapport kif ukoll meta irrilaxxjat l-istqarrija. Din id-darba hija qalet li kienet

[2] Stqarrija inserita a fol. 22 u 23 tal-atti processwali.
[3] Waqt l-udjenza tal-14 ta’ Dicembru 2006.
[4] Waqt l-udjenza tas-26 ta’ Novembru 2010.

tat il-Cashlink card taghha lill-imputat kif ukoll il-PIN number relattiv ghaliex huwa kien qalilha li kellu bzonn il-flus sabiex jaghmel operazzjoni privata.

L-imputat meta gie mitkellem mill-Pulizija u rrilaxxja stqarrija [5] fejn huwa kkonferma li Ellul kienet selfitu Lm890 u li huwa kien taha lura Lm407 minn dan l-ammont. Meta saret tfitxija fuq il-persuna tieghu instabet il-Cashlink card ta’ Ellul. L-imputat stqarr ukoll li ghall-habta ta’ Gunju 2004 huwa kien qal lil Ellul li kellu bzonn aktar flus, madwar Lm1,200, sabiex ihallas xi dejn u hija minn rajha tatu il-Cashlink card taghha u l-PIN number sabiex jigbed il-flus. Huwa spjega wkoll li Ellul ma kinitx qalet lil genituri taghha li kienet qed taghtih dawn il-flus u ghalhekk meta irceviet l-istatement tal-bank u fethitu ommha u staqsitha dwar dawn il-flus li kienu qed jingibdu hija bezghat minn ommha u missierha u qaltilhom li l-imputat kien hadilha l-card. L-imputat qal li Ellul kienet cemplitlu u qaltlu x’kien gara u qaltlu li missieirha ried il-flus l’ghada izda huwa rrispondiha li ma setghax jaghtihomlha lura daqshekk malajr. Huwa spjega li eventwalment ftiehmu li huwa kellu jhallasha lura sas-6 ta’ Settembru 2004 u li l-ammont li kellu jaghti lura kien ta’ Lm1,500. Huwa qal ukoll li kellu l-vizju tal-loghob u li ghalhekk kellu d-dejn. Meta xehed f’dawn il-proceduri[6] l-imputat ikkonferma din il-verzjoni tal-fatti izda qal li kien indika lil Ellul li wahda mir-ragunijiet ‘il ghala kellu bzonn il-flus kienet ghaliex huwa kien habat ma xi hadd li ma kienx assikurat u ghalhekk kellu bzonn il-flus sabiex isewwi l-vettura tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat bl-imputazzjoni ta’ truffa u frodi nnominata u cioe’ bir-reati kontemplati fl-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali kif ukoll bir-reat ta’ misapproprijazzjoni kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Qabel ma l-Qorti tghaddi sabiex tikkunsidra jekk il-fatti tal-kaz jinkwadrawx

[5] Inserita a fol. 24 sa 26 tal-atti processwali.
[6] Waqt l-udjenza tas-26 ta’ Novembru 2010.

ruhhom fl-imsemmija reati irid jinghad li l-Qorti ghandha dubji serji dwar il-veracita’ tat-tezi ta’ Roseanne Ellul specjalment dwar dak li qalet meta xehdet f’dawn il-proceduri fejn sostniet li hija kienet tat il-Cashlink taghha lill-imputat ghaliex huwa kien qalilha li kellu bzonn il-flus sabiex jaghmel operazzjoni. Roseanne Ellul fil-fatt bidlet il-verzjoni dwar ir-raguni il-ghala kienet tat il-flus lill-imputat tlett darbiet, meta ghamlet ir-rapport fl-24 ta’ Awwissu 2004 hija qalet li l-imputat kien hadilha il-card mill-handbag u li din il-card kellha l-PIN number miktub fuq wara, jumejn wara meta rrilaxxjat stqarrija lil Pulizija hija imbaghad ammettiet li kienet tat il-card u l-PIN number lill-imputat minn rajha izda qalet li huwa kellu jigbed biss Lm100 u kellu jaghtiha l-card lura l-ghada u imbaghad meta xehdet f’dawn il-proceduri ghall-ewwel darba semmiet din il-haga tal-operazzjoni li allegatament kellu jaghmel l-imputat. Il-Qorti jidrilha li hija hafna aktar kredibbli l-verzjoni moghtija mill-imputat li Roseanne Ellul, forsi ghaliex kienet ghaddejja minn perijodu hazin wara li telaqha jew telqet hi lil-gharus u forsi kif ammettiet hija stess ghaliex l-imputat kien helu maghha u kien jaf x’ghandu jghid, accettat li sselfu l-flus u li taghtih il-card taghha sabiex jigbed il-flus halli tghinu minhabba l-problemi ta’ dejn li kellu. Il-Qorti jidrilha li huwa ferm plawzibbli li imbaghad meta Ellul giet rinfaccjata mil-genituri taghha dwar l-ammont konsiderevoli ta’ flus li kien ingibed mill-kont taghha u forsi ghaliex bezghat minnhom ivvintat l-istorja li l-imputat kien hadilha il-card mill-handbag. Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza u cioe’ li kieku effettivament l-imputat kien ha l-card kontra l-volonta’ ta’ Ellul f’Gunju 2004 u li kieku hija verament kienet accettat li huwa jigbed biss Lm100 mill-kont taghha u jroddilha lura l-card l-ghada li taghtilu, u cioe’ fil-5 ta’ Gunju 2004, hija ma kinitx tistenna sal-24 ta’ Awissu 2004 sabiex taghmel rapport lil Pulizija u inoltre kienet taghmel rapport lil Bank involut sabiex iwaqfu l-card halli l-imputat ma jkomplix jigbed mill-istess card, haga li mill-provi ma jirrizultax li saret.

Fil-fehma tal-Qorti dawn il-fatti la jinkwadraw ruhhom fir-reat ta’ truffa, la fir-reat ta’ frodi nnominata u wisq anqas

fir-reat ta misaproprijazzjoni kif qed jippruvaw isostnu l-Prosekuzzjoni.

Illi in tema legali in kwantu jirrigwarda r-reati ta' truffa u frodi nnominata gie ritenut mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fis-sentenza taghha tat-**12 ta' Frar 1999** fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Anthony Francis Wilghouby** li:

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."*

*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, <u>basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba</u>, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Fil-kaz odjern zgur li ma tirrizultax pruvata il-mise en scene ghaliex kif intqal fil-paragrafi precedenti l-Qorti

jidrilha li Roseanne Ellul tat il-Cashlink u l-PIN number relattiv lil-imputat minn rajha kif qed jghid l-imputat u meta ghamlet hekk kienet ben konsapevoli li huwa kien ser jigbed il-flus minn din il-card u juzahhom sabiex ihallas id-dejn li kellu. Il-Qorti ma temminx li l-imputat qal lil Ellul li kellu  bzonn il-flus ghaliex kien ser jaghmel operazzjoni ghaliex kif diga’ intqal din il-kwistjoni tal-operazzjoni, fatt daqshekk rlievanti, issemma biss meta Ellul xehdet f’dawn il-proceduri u qatt qabel, bhal per ezempju meta Ellul ghamlet ir-rapport lil Pulizija u l-anqas meta hija rrrilaxjat stqarrija. Il-gidba, qerq jew ingann allegati mill-Prosekuzzjoni ghalhekk ma jirrizultawx pruvati. Il-Qorti jidrilha li l-fatt li l-imputat Ii kien jaf kif imur ma Ellul billi juza ton helu, kif qalet hi, u jpoggi l-kliem adegwat meta jitkellem dwar il-problemi rispettivi tieghu u tal-kwerelanti ma jammontax ghal qerq jew ingann kontemplati fil-ligi ghaliex il-kwerelanti kienet ben konsapevoli mill-problemi Ii kellu l-imputat u mir-raguni ‘il ghala huwa kellu bzonn il-flus.

In kwantu jirrigwarda r-reat ta’ misapproprijazzjoni kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li Roseanne Ellul kienet taf li l-imputat kien ser jigbed il-flus mill-kont taghha permezz tal-card li hija fdat u kienet taf ir-raguni ‘il ghala huwa kien ser juza dawn il-flus u ghalhekk ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex jissussisti dan ir-reat. Il-Qorti jidrilha li ma tistghax temmen it-tezi ta’ Ellul li hija u l-imputat kienu ftehmu li huwa jigbed biss Lm100 mill-card u li jaghtihilha lura l-ghada li kkonsenjatilu ghaliex altrimenti hija ma kinitx iddum tistenna xahrejn qabel ma taghmel rapport lil Pulizija jew qabel ma twaqqaf l-operat tal-card.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------